

## Werrej


| | |
|---|---|
| L-annimali | 2 |
| Il-kelb | 4 |
| Il-farfett | 6 |
| Il-baqra | 8 |
| Il-ġiraffa | 10 |
| L-iljun | 12 |
| Il-pappagall | 14 |
| L-iljunfant | 16 |
| Il-pingwin | 18 |
| Il-balena l-blu | 20 |
| Il-kukkudrill | 22 |
| Glossarju | 24 |

## L-annimali



Qatt ħsibt kemm hemm annimali jgħixu ħdejk? Forsi l-ġar għandu kelba. Qed tismagħha tinbaħ? Jew għasfura. Qed tismagħha tpespes? Kemm taf fatti fuq l-annimali li jgħixu ħdejk jew xi mkien 'il bogħod?

Jien annimal
mammiferu.

Nitwieled ma narax, ma nismax
u bla snien.
L-ewwel annimal li qatt tela'
fl-ispazju kien annimal bħali.

Min jien?

# Il-kelb



**FATTI**

- Il-kelb jegħreq minn saqajh u jitlef is-sħana minn ilsienu.
- Għajnejh ma jarawx il-kuluri kollha li tara int.
- L-ebda kelb m'għandu mnieħru bħal ta' ieħor.